# GħAJJIENA LE XEBAGħNA

*Lil Dr. C. Mifsud Bonnici*

died 4 Dec. 1969

U mirja, mirja, mirja,
mirja ma' kullimkien,
u minn kull wieħed minnhom
jittewweb wiċċ għajjen;

U l-bikja tal-vjolini
erħilha bla tmiem qatt,
u bla ma jaf il-għala
jiżżeffen q'ed kullħadd.

Wix-xema' q'ed inemnem,
id-dawl ta' bosta miet,
u minn qalb iċ-ċumnija
il-ġamra sħuna ntfiet.

'Ma ż-żifna dejjem sejra
u s-sfura fuq l-uċuħ
u ħalli terġa' tixgħel
le biss titħarrek ruħ.

X'laqqagħhom fe' dil-ħemda?
il-koll għalqu s-sittin,
u qalb kull wieħed minnhom,
bid-dieq taż-żmien, bdiet tnin.

'Ma ż-żifna dejjem sejra
—kemm huma għajjenin!
tgħid dina l-aħħar żifna,
iż-żifna tal-mejtin?

**Ros. Briffa.**

# IT-TOROK F'MALTA FI ŻMIEN D'OMEDES (1551)

Malli l-Kavalieri ta' Rodi nġabru f'Malta, ħasbu minnufih jissaħħu hekk fuq l-art kemm ukoll fuq il-baħar biex jerfgħu ġieħhom wara t-telfa ta' Rodi u jgħakksu lil misilmin li ħadd ma kien jista' iżjed għalihom. Min-naħa l-oħra it-Torok kellhom f'moħħhom li jekk il-Kavalieri jkollhom iż-żmien jikbru, ebda ġifen minn tagħhom ma jkun jista' jersaq lejn Malta u Tripli u għalhekk is-Sultan ħaseb li ma jatihomx nifs u qabel ma jikbru jeqridhom sew minn Malta kemm ukoll minn Tripli.

Fl-1551 Dragut, ġabar mal-150, bejn ġfien u xwieni u fuqhom għabba t-truppi tal-Baxa Sinam u rħewlha lejn il-Għarb. Waslu l-ewwel Sqallija u xteħtu fuq il-belt ta' Augusta. Ħaduha, tista' tgħid bla ġlied xejn, għax in-nies imwissija minn qabel ħarbu u daħlu l-ġewwa fejn ma setgħux jintlaħqu.

Is-Sultan Malti, D'Omedes, li kien ilu jisma' li t-Torok kienu għajnhom fuqu ma tax widen u ħaseb li jgħaddiha ħafif. Ra kemm mar imqarraq fis-16 ta' Lulju, mita quddiem il-Port-il-Kbir dehru jbajdu mijiet ta' qlugħ' resqin lejn l-art.

Ma kienx hemm żmien tarma, ordni waħda ħarġet: "Kulħadd iħalli ħwejġu u jitlaq għal wara il-ħitan tas-swar, min hu in-naħa t'isfel għal Birgu u min hu l-fuq għall-Imdina."

Id-dejma ħarġet u bdiet tinġabar. Il-Kavalier Ingliż Nikol Upton ma' tletin Kavalier ħa fidejh l-400 ruħ rekbin tad-dejma u telaq jistenna lill-għadu fil-wita tal-Marsa, il-Kavalier De Guimeran, Spanjol, ġabar in-nies li sab u nasabhom fix-xtut tal-Port-il-Kbir taħt tarf il-Għases, biex jisparaw bl-azzarini fuq l-ewwel xini li tersaq—kanuni ma kellhomx.

L-ewwel ma qabdet dieħla l-port kienet ix-xini l-Kbira ta' Dragut li malli sabet ruħha taħt in-nar daret u qalbet lejn Marsamxett. Hemm niżel l-Armirall u l-Baxa b'qabda kbira nies u wara li kinsu minn fuq il-blat l-Insara, telgħu fuq il-quċċata ta' Xagħret Mewwija biex jaraw kif kienu jistgħu jieħdu il-forti Sant'Anġlu.

Sinam intebaħ li Sant'Anġlu kien għadma jebsa wisq għal snienu, u biex ma jarġax l-ura, kif xtaq, àmar li jniżżel in-nies kollha fuq ix-xtut bejn l-Imsida u San Pawl-il-baħar u jaħbat għall-Imdina.